GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT
IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI
DIPARTIMENT TAL-EŻAMIJIET

# Eżami ta' Kwalifikazzjoni għal Learning Support Educators Supplimentari

# Jannar 2024

**Suġġett:** Malti

**Data:** 24 ta' Jannar 2024

**Ħin:** Siegħa u tletin minuta

**Istruzzjonijiet ġenerali:**

**Din il-karta tal-eżami fiha ERBA' taqsimiet: Taqsima 1,2,3 u 4.**
**Il-kandidati jridu jwieġbuhom KOLLHA skont l-għażla indikata.**
**Il-kandidati huma mħeġġa jaqraw sew l-istruzzjonijiet f'kull taqsima.**
**Il-marki għal kull mistoqsija jidhru fil-parentesi.**

**It-tweġibiet ta' kull taqsima għandhom jinkitbu fuq il-ktejjeb ipprovdut.**

t + 356 2598 2958 e myexams@gov.mt | www.myexams.gov.mt

**Taqsima 1: Il-Komponiment** **(35 marka)**

Agħżel titlu **wieħed** minn dawn u ikteb komponiment ta' **350 kelma**.

a) Taqbel li l-ġimgħa tax-xogħol tinfirex fuq erbat ijiem flok ħamsa? Iddiskuti.

***jew***

b) L-isbaħ belt fl-Ewropa. Iddeskrivi.

**Taqsima 2: Fehim it-Test** **(25 marka)**

Aqra sew dan it-test u wara aħdem it-taħriġ fuqu.

**Il-faqar**

Kull żmien iġib sfidi ġodda! Il-pandemija u l-gwerra tal-Ukrajna ħarbtu s-sistema tat-tqassim tal-affarijiet fid-dinja u dan qed iġib tibdil fil-prezzijiet. Bħalissa l-għoli tal-bżonnijiet bażiċi, speċjalment tal-ikel, jinħassu sewwa. Għal min hu komdu ftit li xejn iħossha, għax jista' jnaqqas affarijiet li jgħaddi mingħajrhom. Imma min jinsab fl-iskaluni t'isfel tas-soċjetà, ibati għax inaqqas minn dak li hu bżonjuż, jekk mhux ukoll jogħdos aktar fi tbatija, ħafna drabi siekta u ma tidhirx.

Il-faqar mhux biss jeżisti fostna, imma f'kundizzjonijiet ġodda bħal dawn hemm ċans li jkompli jikber. Studji li saru minn entitatajiet bħal Caritas Malta jiftħulna għajnejna! Imma min hu qrib tan-nies, m'għandux bżonn studji biex jagħraf iż-żieda fil-faqar. Aktar nies, speċjalment anzjani, persuni vulnerabbli u familji bi ħtiġijiet soċjali u emozzjonali jsibuha dejjem aktar diffiċli biex ilaħħqu ma' dak li hu essenzjali biex jgħixu ħajja b'dinjità.

Il-faqar jiġi f'ħafna suriet. Jitlob minna qalb miftuħa biex nagħrfu u nifhmu. Hemm fostna familji li qed jgħixu f'appartamenti żgħar ħafna jew f'garaxxijiet, spiss minħabba kirjiet li jibqgħu jogħlew lil hinn mir-realtà ta' ċerti pagi. Hemm uħud li jispiċċaw bla saqaf għax waqt kwistjonijiet ta' separazzjoni u manteniment il-kera toħnoqhom. Hemm anzjani li jgħixu fi djarhom mingħajr dawl u ilma għaliex ma jistgħux iħallsu l-kontijiet minħabba d-dħul baxx tagħhom. Hemm nies li jgħixu fi djar u appartamenti li minn barra jidhru 'normali' iżda meta tidħol ġewwa ssib stejjer iebsa. Għax ngħiduha kif inhi: ħadd ma jieħu gost juri li hu anqas minn oħrajn!

Hemm, imbagħad, faqar ieħor li wkoll iħalli togħmiet morri fit-tul u jtellef id-dinjità tal-persuna. Hemm il-faqar ta' dawk li ma jafux jaqraw u jistħu juru li ma jafux. Hemm dawk li ma jafux isajru u allura jridu jieklu xi ħaġa minn barra, li ħafna drabi la tkun sustanzjuża u lanqas tajba għas-saħħa. Hemm il-faqar ta' dawk li ma jafux iħaddmu s-servizzi elettroniċi u allura jispiċċaw fis-skiet maqtugħin barra mill-kumplament tas-soċjetà. U ma nsemmux lil dawk li ma jistgħux iħallsu biex ikollhom internet fid-dar u allura jiġu mċaħħdin mis-servizzi mogħtijin. Għal min kien attent, il-pandemija tefgħet dawl qawwi fuq dawn l-għamliet ta' faqar!

U għax kif jgħid il-Malti: "kulħadd ikejjel b'xibru"! Allura qalbna tingħalaq u għajnejna jintfew. Nibdew naħsbu li l-faqar ma jeżistix. Nemmnu bis-sħiħ li kulħadd għandu jfendi għal rasu. Nemmnu

li l-homeless huma biss barranin! Nemmnu li kull min jaħdem qiegħed idaħħal paga xierqa u jlaħħaq mal-ħajja!

Ma rridux ngħidu li l-istampa hija waħda mdallma biss. Qed isiru ħafna sforzi għat-titjib soċjali mill-awtoritajiet tal-Gvern, tal-Knisja u mill-parroċċi. Minkejja l-limitazzjonijiet kbar li għandhom il-parroċċi Maltin, b'mod partikolari dawk finanzjarji u ta' riżorsi umani, dawn qed jagħmlu sforz, ħafna drabi fis-skiet, biex itaffu t-tbatija li jiġu wiċċ imb wiċċ magħha. Minbarra għajnuniet li kull parroċċa tagħti fiż-żoni tagħha, il-parroċċi preżentement iqassmu mill-anqas 120 ikla kuljum lil familji li ma jafux jew mhux kapaċi jsajru għalihom infushom. Dan minbarra li jitqassmu wkoll madwar 1,300 hamper ta' ikel essenzjali fuq bażi regolari, fil-biċċa l-kbira minnhom fiż-żoni ta' fuq ta' Malta u madwar il-port. Dan kollu jsir minn voluntiera, bil-parroċċi jġorru l-biċċa l-kbira tal-ispejjeż involuti.

Hemm bżonn aktar ħidma flimkien bejn il-Gvern, il-Knisja, il-Caritas, l-NGOs, l-Azzjoni Kattolika, il-parroċċi u oħrajn biex il-ħidma tkun imsaħħa u tilħaq lil kull min għandu bżonn. Il-ħidma tal-voluntieri li b'mod jew ieħor jagħtu s-sehem tagħhom bi mħabba hija bla prezz. Nittamaw li aktar nies minn kull qasam tal-ħajja jersqu jagħtu s-sehem tagħhom.

Il-faqar għadu fostna u forsi qed jiżdied. Irridu nkunu nies sensittivi biex narawh. Hemm bżonn immiddu jdejna, kulħadd bil-mod kif jista', biex intaffu s-sitwazzjoni.

*Addattament ta' artiklu mir-rivista Flimkien ta' Ġunju 2022.*

**A. Wieġeb il-mistoqsijiet fuq dak li għadek kif qrajt:**

1. Skont is-silta, min ikun fl-inqas skaluna tas-soċjetà,
   a. jitraħħsulu l-prezzijiet.
   b. joqgħod lura milli jixtri l-affarijiet bżonjużi.
   ċ. tiżdiedlu l-paga. (2)

2. Qed isiru ħafna sforzi sabiex
   a. il-faqar jispiċċa.
   b. il-faqar jittaffa.
   ċ. il-faqar ma jiżdiedx f'daqqa. (2)

3. Agħti ż-**ŻEWĠ** raġunijiet li ħarbtu s-sistema tat-tqassim tal-affarijiet fid-dinja. (2)
4. Apparti l-istudji, x'inhi l-ħaġa l-oħra biex tagħraf iż-żieda fil-faqar? (2)
5. Semmi **TLIET** suriet ta' faqar minn ħafna li jissemmew fis-silta. (3)
6. "Nemmnu li l-homeless huma biss barranin!". Taqbel ma' din l-istqarrija? Għaliex? (2)
7. Semmi **ŻEWĠ** tipi ta' għajnuniet li jagħtu l-parroċċi lil dawk fil-bżonn. (2)
8. Immaġina li inti membru fil-kunsill parrokkjali. Liema inizjattiva tieħu sabiex fil-parroċċa tiegħek tgħin lil min hu fil-bżonn? (2)
9. X'taħseb li kien l-iskop li għalih inkiteb dan l-artiklu? (2)

**B. GĦARFIEN IL-LINGWA**

1. Agħti **kliem ieħor** għall-kliem li huwa fil-**grassett** skont is-silta t'hawn taħt: (4)

Il-faqar mhux biss jeżisti fostna, imma f'kundizzjonijiet ġodda bħal dawn hemm ċans li jkompli jikber. **Studji** li saru minn **entitatajiet** bħal Caritas Malta jifthulna għajnejna! Imma min hu qrib tannies, m'għandux bżonn studji biex jagħraf iż-żieda fil-faqar. Aktar nies, speċjalment anzjani, persuni vulnerabbli u familji bi **ħtiġijiet** soċjali u emozzjonali jsibuha dejjem aktar diffiċli biex ilaħħqu ma' dak li hu **essenzjali** biex jgħixu ħajja b'dinjità. (it-tieni paragrafu)

2. Sib il-frażi minn **paragrafu 5** għandha din it-tifsira:
   a. Kulħadd jara sa fejn jaqbel lilu.
   b. Ma nibqgħux sensittivi. (2)

**Taqsima 3: Il-Kitba ta' Rapport** **(20 marka)**

Agħżel titlu **wieħed** minn dawn u ikteb rapport ta' **80 kelma**.

a) Il-komun tal-flett tiegħek sar diżgustanti, peress li hemm min qed iħalli ħafna ħmieġ minn kull tip. Minkejja li kellimthom kemm-il darba, kien kollu għalxejn. Ikteb rapport sabiex jinqara waqt il-laqgħa tal-komun li se ssir dalwaqt.

***jew***

b) Bħala segretarju/a tal-għaqda filantropika li tattendi, ikteb rapport sabiex jinqara waqt il-laqgħa annwali tal-għaqda, dwar l-attività tal-ġbir ta' ħwejjeġ u ikel li għamiltu sabiex jitqassmu lill-familji fil-bżonn.

**Taqsima 4: Il-Kitba ta' Ittra** **(20 marka)**

Agħżel titlu **wieħed** minn dawn u ikteb email ta' **80** kelma.

a) Ikteb email lill-maniġer tal-BCRS dwar kif is-sistema tal-ġbir tal-fliexken affettwatlek ħajtek u ssuġġerixxi xi ideat li fl-opinjoni tiegħek itejbu s-sitwazzjoni.
   **Fl-email uża dawn id-dettalji**: ismek: Sandro/Sandra Mamo, l-indirizz elettroniku tiegħek: mamosa@gmail.com , l-indirizz tal-kumpanija: bcrs@gmail.com.mt

***jew***

b) Irrealizzajt li m'intix se tlesti proġett importanti tal-kors li qed tagħmel. Għaldaqstant iddeċidejt li tikteb email lill-Professur konċernat sabiex titolbu estensjoni taż-żmien. **Fl-email uża dawn id-dettalji**: ismek: Stefan/Stefania Bellizzi, l-indirizz elettroniku tiegħek: bellstef@hotmail.com u l-indirizz tal-Professur: prof.m.cremona@uni.mt .

# TMIEM IL-KARTA